**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 93/17 CZ**

**Shenian Aquilina Case (ID 14598 (M)**

**vs.**

**Gary Mark Buttigieg (ID 408497 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici mressqa fil-15 ta' Frar 2017 li permezz taghha ppremettiet:

Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li ntemmet minhabba nuqqasijiet serji imputabbli esklussivament lill-intimat.

Illi l-intimat kien u ghadu qed jaghmel kors gewwa l-Istitut ta' l-Istudju [sic] Turistici (ITS) u bhala parti mill-kors kellu jippartecipa f'work placement ghal perjodu ta' sena gewwa pajjiz iehor. Illi l-attrici kienet qed taghmel dan il-kors ukoll izda kellha tieqaf hesrem minhabba ragunijiet imputabbli esklussivament lill-intimat. Illi kemm l-attrici u l-intimat intbaghtu gewwa Limasol f'Cipru fejn kienu qed jahdmu bhala apprentista fil-lukanda Amanthus Beach Hotel f'Limassol, Cipru.

Illi f'xi zmien lejn l-ahhar ta' Gunju, l-intimat sawwat lill-attrici u kkagunalha diversi griehi fuq il-persuna taghha. Illi huwa ta diversi daqqiet bil-ponn u sahansitra gidimha f'idejha u fi spallitha. Illi fl-ewwel gimgha ta' Awwissu l-intimat ghal darb'ohra aggredixxa lill-attrici b'mod vjolenti u did-darba imbuttaha t-tarag. Illi l-intimat kien jhedded lill-attrici fuq bazi regolari. Illi minhabba l-biza li kkaguna fil-mittenti li ser tintuza izjed vjolenza fuq il-persuna taghha, hi l-attrici kellha tieqaf mill-kors u tigi lura Malta, ghaliex bdiet tibza' tiltaqa' mieghu fuq l-istess post tax-xoghol.

Illi minhabba l-agir abbuziv u illegali ta' l-intimat, l-attrici sofriet telf finanzjarju peress li ghamlet diversi spejjez ghal xejn u cioe' l-ispejjez kollha relatati mal-kors, telf finanzjarju ossia pagi mitlufa, hlas ghal titjiriet ta' l-ajru, rifuzjonijiet li trid taghmel lill-ITS, u hlas ghall-polza ta' l-insurance.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni, huwa baqa' inadempjenti.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-12 ta' Marzu 2017, il-konvenut eccepixxa:

> L-intimat qieghed jirrespingi l-allegazzjonijiet migjuba kontrieh stante illi dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> Illi l-ammont qed jigi kontestat.
>
> Illi l-ammont u danni li sofriet is-Sinjorina Aquilina huma imputabbli ghall-agir taghha biss.
>
> Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra l-affidavit ta' l-attrici (fol. 16 et seq.), ta' Audrey Aquilina (fol. 31 et seq), Stephen Aquilina (fol. 33 et seq.), ix-xiehda ta' Dr. Brian Flores Martin (fol. 39 et seq.), Diana Mallia (fol. 42), l-affidavit tal-konvenut u l-kontro-ezami relattivi (fol. 46A u 47), l-affidavit ta' Romina Buttigieg (fol. 53), Philip Zammit (fol. 56), Fernando Zammit (fol. 57), u l-kontro-ezami ta' l-attrici.

Sema' s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi **<u>l-attrici</u>** xehdet li waqt li kienu xoghol flimkien f'lukanda f'Cipru, il-konvenut, li sa ma marru Cipru kienet ilha tafu disa' xhur habat jerfa' idejh fuqha minhabba l-argumenti li kien ikollhom. Kien hemm darba fejn sahansitra imbuttaha fit-tarag, u kien jheddidha biex ma tlissen xejn. Peress li ma setghetx tiflah iktar ghal dawn l-azzjonijiet, kellha terga' lura Malta qabel il-waqt. L-attrici stqarret li kien hemm drabi fejn il-konvenut anke taha fuq kuxtejja jew gidimha. Kif giet lura Malta, il-genituri ta' l-attrici raw xi tbengil fuq idejha u spallejha u hasbu li mardet; pero' ghamlet it-testijiet tad-demm u mard ma kienx hemm. Wara li ghadda z-zmien l-attrici fethet qalbha ma' persuna li ssuggeritilha tghid kollox lill-genituri. L-attrici qalet li qed titlob li tigi kumpensata ta' l-ispejjez li ghamlet ghal xejn minhabba l-agir abbuziv tal-konvenut. Fil-kontro-ezami qalet illi r-ritratti esebiti minnha hadithom hi stess lilha nfisha, hlief ghal wiehed. Ir-ritratti juri li ma kellha l-ebda tbengil qabel siefret, u f'xi ritratti ohra jidhru t-tbengil wara dak li nqala'. Qalet li wara li giet minn barra baqghet tikkomunika mal-konvenut, imbaghad waqaf kollox. Ir-relazzjoni waqqafha l-konvenut stess.

Illi **<u>Audrey Aquilina Case</u>** xehdet illi fil-15 t'Awwissu 2016, bintha, l-attrici, regghet lura minn Cipru. Rat li bintha kellha hafna tbengil fuq idejha t-tnejn, u kkuntattjat lit-tabib tal-familja sabiex jaghmlilha appuntament ghat-testijiet tad-demm. Wara xi zmien, ix-xhud skopriet li t-tbengil li kellha fuq idejha kien ghamilhomlha l-konvenut, u dana wara li kkonfrontat lil bintha dwar dan.

Illi **<u>Stephen Aquilina</u>** xehed illi f'Awwissu 2016 martu kienet qatghet il-biljetti sabiex bintu, l-attrici, tigi lura minn Cipru qabel il-waqt. Malli raha, skopra li kellha xi tbengil u

staqsiha minn fejn kienu gew, izda bintu wahhlet fil-hbit 'l hemm u 'l hawn. Wara ftit gimghat, martu infurmatu li bintu kienet qalet lill-imghallma taghha li l-konvenut kien sawwatha waqt li kienu f'Cipru.

Illi xehed ukoll **Dr. Brian Flores Martin** li qal li kien raha lill-attrici fis-16 t'Awwissu 2016 u kkonferma li kellha t-tbengil, izda peress li l-attrici qalet li tfaccaw wahedhom, kien ordna testijiet tad-demm, pero' r-rizultat kien normali. Qal li kien ghamel certifikat fi Frar 2017 dwar dan it-tbengil, u mhux lura f'Awwissu 2016, meta ra l-pazjenta, ghaliex f'Awwissu 2016 ma kien hemm l-ebda indikazzjoni min-naha ta' l-attrici li kien hemm vjolenza. Ikkonferma wkoll ic-certifikat li gie rilaxxat minnu, fejn kien qal li t-tbengil riskontrat fil-persuna ta' l-attrici kien juri sinjali ta' difiza.

Illi xehdet ukoll **Diana Mallia** li qalet li hija kienet taqsam kamra ma' l-attrici waqt li kienu jistudjaw u jahdmu f'Cipru. Rat lill-konvenut jerfa' idejh xi erba' darbiet fuq l-attrici waqt li kienu Cipru. Sahansitra darba minnhom harigha mill-kamra u tefaghha mit-tarag ghal isfel. Dan il-glied sar bejn Lulju u Awwissu, u kien hemm glieda ohra li saret gimgha qabel il-15 t'Awwissu. Kien hemm zewg Maltin ohra li raw l-incident, li kienu Philip Zammit u Fernando Zammit.

Illi fl-affidavit tieghu **l-konvenut** qal li l-attrici kienet qed thossha mdejjqa bil-kundizzjonijiet tax-xoghol, tant li anke riedet tibdel it-tip ta' xoghol li kellha, ghax habibitha kienet taqla' iktar, izda ma ppermettewlhiex. Qal ukoll illi qatt ma kellhom hin wahedhom bhala koppja, hlief ghal darba wahda biss meta marru jieklu f'ristorant. Qal ukoll li l-attrici qabdet u telqet minn Cipru. Sussegwentement, f'Settembru 2016, il-konvenut qal lill-attrici li ma riedx jibqa' f'relazzjoni maghha, u esebixxa xi messaggi f'dan is-sens. Qal ukoll li dak li qed jigi allegat fuqu huwa gideb.

Illi xehdet ukoll **Romina Buttigieg** illi qalet illi f'konverzazzjoni (bil-messsaggi) li kellha ma' omm l-attrici, din ta' l-ahhar kienet qalet li t-tifla ma kinitx qed thossha sew u li l-kundizzjonijiet ma kinux tajbin. L-attrici nfisha kienet anke ghaddiet il-kuntratt li kellha lix-xhud, sabiex turiha l-kundizzjonijiet li suppost kellha.

Illi xehed ukoll **Philip Zammit** illi qal illi hu wkoll kien f'Cipru mal-grupp ta' studenti Maltin u qatt ma ra argumenti, glied, tilwim jew swat bejniethom. Qal ukoll illi l-attrici kienet qed tgerger minhabba li kienet iddejjqet go Cipru, u nizlet lura Malta ma' Diana Mallia.

Illi xehed ukoll **Fernando Zammit** li qal li qatt ma ra glied min-naha tal-konvenut fuq l-attrici, izda kien sema' lill-attrici tgerger, ghax f'Cipru ma kinux jithallsu hafna, u kienet qaltlu li ma felhitx tahdem aktar fil-kcina f'Cipru.

Ikkonsidra ulterjorment:

Illi l-attrici tiddikjara illi waqt li kienet Cipru sfat vittma ta' diversi aggressjonijiet min-naha tal-konvenut, fosthom swat, gdim, u sahansitra kien hemm darba li mbuttaha fit-tarag. Din il-verzjoni tal-fatti hija dettaljatament korroborata mix-xhud Diana Mallia, li kienet taqsam maghha, izda totalment michuda mill-konvenut, li bhala xiehda gab ukoll lil zewg guvintur li kienu wkoll jahdmu maghhom li qalu li ma raw ebda aggressjoni.

Illi t-Tribunal jidhirlu li din il-kawza prattikament tistrieh maggorment fuq il-kredibilita' tal-partijiet u tax-xiehda taghhom, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel

tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

> In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.
>
> b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;
>
> c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix

disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi l-konvenut u x-xiehda tieghu qed jaghtu wiehed x'jifhem illi l-attrici regghet lura Malta minhabba li kienet iddejjqet bil-kundizzjonijiet tax-xoghol, u mhux mod iehor. L-attrici min-naha l-ohra tattribwixxi r-ritorn taghha lejn Malta ghall-fatt li kienet qed tisfa vittma ta' l-aggressjonijiet tal-konvenut. It-Tribunal kellu l-opportunita' jisma' *viva voce* lix-xhud Diana Mallia li ddeskriviet dettaljatament dak li kien isehh bejn l-attrici u l-konvenut u jidhirlu li l-verzjoni moghtija minn din ix-xhud hija attendibbli u tista' titwemmen, tant li fil-kontro-ezami addirittura harget iktar dettalji ta' dak li sehh bejn il-partijiet. Dan jikkuntrasta bil-kbir mas-sentenza, ta' linja wahda, tax-xiehda tal-konvenut Fernando Zammit u Philip Zammit, li biha cahdu li qatt raw xi swat mill-konvenut fuq l-attrici. Dawn iz-zewg xhieda kienu jaqsmu l-istess kamra, u inghad li l-guvintur kienu joqoghdu f'sular differenti minn tat-tfajliet. Ma jfissirx illi, anke jekk huwa minnu dak li qalu, li qatt ma raw lill-konvenut isawwat lill-attrici, dan bilfors huwa hekk. L-ebda wiehed minnhom ma kien jaqsam l-istess kamra tal-konvenut, filwaqt li x-xhud prodotta mill-attrici kienet taqsam il-kamra maghha.

Illi t-Tribunal ra wkoll illi l-attrici xehdet fid-dettall u baqghet konsistenti ghall-ahhar, sahansitra fil-kontro-ezami. Filwaqt li l-konvenut qal li <u>maz-zmien</u>, wara li telqet l-attrici, ma hassux sew u qalilha biex jieqfu mir-relazzjoni, l-attrici kienet aktar specifika u qalet illi wara xi gimgha li giet lura Malta l-konvenut kien qalilha biex jieqfu mir-relazzjoni. Mhuwiex minnu, kif qal il-konvenut, illi l-attrici ma riditx tieqaf mir-relazzjoni, ghaliex kif jirrizulta mill-messaggi esebiti minnu stess, l-attrici kienet ghall-ewwel indeciza, izda aktar tard wegbitu li setghu jieqfu jekk b'dan kien se jhossu ahjar. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li l-attrici rnexxielha tipprova sal-grad rikjest f'dan il-kamp illi l-konvenut fil-fatt verament aggrediha, u t-Tribunal jirrizultalu li kien hemm ness bejn dawn l-aggressjonijiet u t-tluq ta' l-attrici minn Cipru.

Illi jibqa' f'dan l-istadju li jigi mistharreg jekk l-attrici rnexxilhiex tipprova l-ammont ta' danni li qed tirreklama, u dan anke in vista tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, fis-sens li l-ammont qed jigi kontestat.

Illi l-unici provi ta' nefqiet li t-Tribunal sab huma dawk id-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' l-attrici minn fol. 24 sa 29 tal-process. It-Tribunal irrizultalu illi dawk id-dokumenti esebiti a fol. 24 u 25 tal-process jirreferu ghal nefqiet li ghamlet omm l-attrici tant li huma intestati fuqha, b'dokumenti datati l-1 t'Awwissu 2016 u s-6 ta' Settembru 2016. Fil-fatt il-genituri ta' l-attrici kienu xehdu li kienu fi hsiebhom imorru jarawha aktar tard waqt li jmorru vaganza f'Cipru. Dawn ir-ricevuti ghalhekk huma irrilevanti ghall-konsiderazzjoni tad-danni, u huma fuq kollox spejjez maghmula minn omm l-attrici, li mhijiex parti fil-kawza. Illi jidher ukoll li hemm l-ispiza ta' €159.53 ghal biljett ta' l-ajru kif jirrizulta mid-dokument a fol. 26 u assikurazzjoni ta' l-ivvjaggar kif jirrizulta minn fol. 28, kif ukoll somma ohra ta' €80 li tirrizulta minn dokument a fol. 30, li t-Tribunal izda jifhem illi gew koperti mic-cheque mahrug favur l-attrici mill-Istitut ghall-Istudji Turistici esebit a fol. 27. Ghalkemm l-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni fuq id-dokumenti appena msemmija, u b'mod generali fuq id-dokumenti minn fol. 24 sa 29, it-Tribunal fehem illi dak li qed tintalab thallas lura l-attrici huwa l-ammont a fol. 29, fejn l-Istitut ghall-Istudji Turistici qed jitlob lill-attrici thallas lura mitejn u tlieta u hamsin Euro u sitta u erbghin centezmu (€253.46), u dan in kwantu ghal €114.46 bhala hlas lura ta' parti mill-*pre payment allowance* u kwantu ghal €139 ghall-hlas tat-titjira; u huwa fuq dan l-ammont, li jidher car li huwa dovut ghax id-doument a fol. 29 jispjega lilu nnifsu, li t-Tribunal huwa dispost li jillikwida d-danni, u dan ghaliex huwa dan l-uniku ammont li rrizulta.

Illi t-Tribunal ikollu jirrimarka illi ghalkemm sab il-htija tal-konvenut ghall-akkadut, ma tantx irriskontra provi dwar il-quantum tad-danni per se. Ma gie prodott l-ebda xhud

min-naha ta' l-Istitut ghall-Istudji Turistici sabiex jikkonferma l-ammont mitlub u jekk kienx dan l-ammont biss li kien dovut jew xi ammont ikbar; u ghalhekk it-Tribunal, bhala tribunal li jrid jiddeciedi fuq il-provi, f'kaz bhal dan li huwa altrimenti pjetuz minhabba dak li sehh, ikollu jillimita ruhu ghall-ammont ta' danni li ssemma hawn fuq, cioe' dak a fol. 29. Dwar il-quantum, fil-fatt, l-attrici kull ma qalet kien illi qed tipprezenta 'ftit mill-ircevuti', meta wara kollox uhud mid-dokumenti lanqas kienu ricevuti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' limitatament it-talbiet ta' l-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin Euro u sitta w erbghin centezmu (€253.46), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittjiet ghandhom jithallsu kwantu ghal terz (⅓) mill-attrici u zewg terzi (⅔) mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur